MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.
MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta ta' 11 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 135/2002/1

**L-Avukat Dottor Hugh Peralta bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera "Dobelner Subwarenmanufaktur GmbH" tal-Germanja.**

**vs**

**RAB Limited u b'digriet tal-21 ta' Marzu tas-sena 2002 isem is-socjeta' konvenuta ghandu jaqra R.A.B. Limited.**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur nomine ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' LM2,070 rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata mis-socjeta' attrici lis-socjeta'**

**konvenuta fuq ordni u inkarigu tas-socjeta' konvenuta, bl-imghax u bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-mandati kawtelatorji prezentati kontestwalment ma dan l-avviz, kollox kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti taghha huma ingunti in subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur nomine sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta konvenuta naqset u ma deheritx, la fl-4 t'Ottubru tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur nomine bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**